MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 90/2002/1

**MCE Limited**

**Vs**

**Maltacom plc**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u erba' u sittin liri Maltin (Lm2364.00) Dok A, rappresentanti prezz ta' 3-5 (Diam) flat cable clips suwed, mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess kif jirrizulta minn Dok B.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju 2001, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja, u cioe', mill-14 ta' Lulju 2000 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Kif ukoll rat l-istess Dok A u Dok B a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma hijiex dovuta u dana peress li l-konsenja imsemmija fl-avviz ma kienetx tal-kwalita' pattwita u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta attrici, gie prodott Ivor Puglisevich, li xehed permezz ta' "affidavit" (a fol 13 et seq ibid). Dan spjega illi s-socjeta konvenuta kienet "… aggudikat it-tender lilna, in kwantu "item" wiehed u allura daqs wiehed ta' clips u f'kulur iswed" (ara l-imsemmi Dok B a fol 3 tal-atti). Fl-14 ta' Lulju 2000, kienet saret il-konsenja tal-ordni in kwistjoni u dan skond id-dokument a fol 2 tal-istess atti. Pero, madwar xahar wara, s-socjeta konvenuta, permezz ta' "fax" informat lil dik attrici li l-"clips" in kwistjoni kienu inferjuri ghal kampjuni gja sottomessi u b'hekk kellna gimgha biex nbiddlu l-konsenja". Ghalhekk ingabu xi kaxxi li kienu gew konsenjati u meta dawn gew komparati ma kampjuni moghtija qabel ma gie aggudikat it-'tender' nstab illi kienu "indentici hlief ghal kulur". Ghalhekk saret laqgha bejn il-partijiet li fiha is-socjeta' konvenuta ipproduciet "clips ta' haddiehor" u l-istess socjeta konvenuta kienet qalet lix-xhud sabiex "… taghna nibdulhom u ngibuhom minn ghand l-istess supplier ta' dak is-sample …." in vista li gie allegat "…. Illi kienu aktar b'sahhithom minn taghna". Din il-proposta, pero', ma gietx accettata in vista li, fi kliem l-istess xhud "Ahna kkonsenjajna l-istess kwalita li ttenderjajna fuqhom li

taghhom tajna samples qabel l-adjudication u li l-Maltacom kienet accettat u harget l-ordni ghalihom". Wara li ghadda certu perjodu ta' zmien minn din il-laqgha, is-socjeta' attrici giet informata illi dik konvenuta "… kienu di gia lehqu utilizzaw madwar terz tal-konsenja taghna "ossija 4000 kaxxa ammontanti ghal 400,000 "clip". Cjononostanti, permezz, ta' "fax" bid-data tat-12 ta' April 2001, is-socjeta attrici giet informata "illi r-rimanenti 804,200 clips ma kienux , "suitable for the installation" tal-cable taghhom u talbuna ngibuhom (ara l-annessi kompjuni ta' clips esebiti a fol 17 ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta ipproduciet lill-Ingienier Alison Zammit (a fol 34 u fol 37 et seq ibid) spjegat illi t-'tender' imsemmi kien gie assenjat lis-socjeta attrici wara li din kienet issottomettiet l-orhos wiehed u, eventwalment kampjuni tal-"clips". Fi kliemha stess "Instab li kienu tajbin (u) ghalhekk saret l-ordni", kif ukoll il-konsenja relattiva. L-oggetti in kwistjoni, difatti, bdew jintuzaw izda "Fil-fatt sibna li din il-konsenja kienet inferjuri ghal kampjuni "ghar-raguni kif spjegata, b'mod tekniku, mill-istess xhud, u dan minhabba li "… l-plastik kien qed jinqala' kollu kemm hu "meta" …. L-impjegati taghna kienu jistraccjaw l-istess "cable" sabiex jigi dritt …." In kontroesami, hi xehdet illi l-kampjuni sottomessi mis-socjeta konvenuta kienu tajbin wara li "…..gew pruvati mill-haddiema" tas-socjeta konvenuta izda regghet sostniet li "… dak li gie kkonsenjat lilna … kienu inferjuri ghal kampjuni". Dwar il-mod kif jitwahlu mill-haddiema tas-socjeta konvenuta, x-xhud, wara li rrepetiet dak li kienet di gia xehdet izda kompliet tghid, testwalment, "Kien ikun ahjar kieku pero, kif jitwahhal "clip" isir l-'istretching' tal-'cable'. Jiena nghid illi titolbu s-sengha u "Qed jigi suggerit illi fil-fatt dawn il-'clips' ma jkunux tajbin, mhux ghall-uzu intiz ghalihom izda kif konna qeghdin nwallhuhom, nghid illi hekk hu". In rigward kemm intuzaw bhala kwantita u valur, mill-'clips' konsenjati mis-socjeta attrici,x-xhud spjegat illi, mill-imhazen kienu inhargu "pressapoco erbat elef (4000) kaxxa b'valur ta' Lm779 waqt li, fl-istess imhazen kien ghad hemm tmin elef (8000) kaxxa li ma ntuzawx". Fl-

ahhar nett hi qalet illi, “Ahna in rigward il-plastik ma ezaminajniehx. Naqblu, ukoll, illi l-ordni kienet tal-istess ditta tal-kampjuni” in rigward liema kampjuni “Ma kellna l-ebda problema”. Difatti, bejn il-kampjuni u l-‘clips konsenjati, kien hemm differenza fil-kulur tal-plastic biss.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili, dan jispecifika illi f’kaz li l-oggett konsenjat ma jkunx tal-kwalita pattwita jew mhux skond kampjni gja muri, l-kompratur jista’ jaghzel jew li, ma jaccetax il-haga u jitlob dawn li jaccetta l-haga bi tnaqqis tal-prezz skond stima ta’ esperti. F’dan il-kaz, is-socjeta konvenuta eccepiet illi l-ammont pretiz ma hux dovut. Ghalhekk jidher li hi ma esercitatx l-ghazla moghtija lilha. Difatti, mill-istess eccezzjoni, jidher illi ma saret l-ebda talba ghad-danni, li fil-fehma ta’ din il-Qorti, trid issir jew b’azzjoni “ad hoc” jew permezz ta’ kontro talba jew talba ghal tnaqqis fil-prezz permezz ta’ l-istess procedura li ghadhom kemm gew indikati.

Illi, dan premess, ma jidhirx li hemm il-htiega illi jigi deciz jekk, mill-provi prodotti irrizultax, fuq basi ta’ probabilta, illi l-clips konsenjati ma kienux tal-istess kwalita pattwita bhal dawk murija u moghtija bhala kampjuni lis-socjeta konvenuta.

Ili, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta, b’riserva ghal kull dritt spettanti lis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm2364.00 bl-imghax legali mill-14 ta’ Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Mejju 2001. B’riserva “si et quatenus” ghal kwalunkwe dritt spettanti lis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------